**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Ġunju, 2025

Rikors Ġuramentat: 72/12AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 301/1999)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

*1. Peress illi l-attrici ilha mizzewga lill-intmat sa mill-4 ta' April, 1999. Minn dan iz- zwieg il-partijiet kellhom tlett ulied, D ta' 12 -il sena, E ta' 11 -il sena u F ta' 10 snin;*

[1] Fol. 1.

*2. Peress illi l-konvenut sar hati ta' vjolenza u swat, ingurji gravi, sevizzi u mohqrija lejn martu u fil-fatt illum il-koppja huma separati de facto allavolja joqghodu taht l-istess saqaf. Dan iz-zwieg gie anke rez impossibli minhabba illi l-konvenut ma jghix hajja ta' ghaqda familjari;*

*3. Peress illi l-attrici gabet l-awtorizazzjoni biex tipprocedi ghas-separazzjoni permezz ta' digriet qed jigi anness bhala dokument "A";*

*4. Peress illi l-konvenut qed jippretendi illi ma jonorax digriet ta' din l-Onorabbli Qorti illi ordnat manteniment pendente lite ghall-attrici u ghal uliedu;*

*5. Peress illi l-ulied ghaddejjin minn perjodu difficli hafna tant illi kellhom anki jmorru għat-terapija liema terapija ma setghetx taghti l-frott mehtieg s-issa stante illi huma ghadhom kostantament esposti ghall-agir inaccettabbli tal-missier lejn l-attrici u lejhom;*

*6. Peress illi l-intimat ghandu problemi konnessi max-xorb u l-loghob tal-azzard kif jigi pruvat aktar tard fil-mori tal-kawza;*

*7. Peress illi l-konvenut li ghandu xoghol bhala self employed illi jrendi tajjeb u li bih jaqla ammonti sostanzjali il-hin kollu jhedded lill-attrici illi sahansitra lest jitlaq mix-xoghol u jibda jirregistra biex ma jtiha xejn għaliha u ghall-uliedha;*

*8. Peress illi l-attrici ma jistghax ikollha imjieg fiss u li jiggenera introjtu decenti ghall-ghixien tal-familja stante illi l-ulied ghadhom zghar u m'ghandiex għajnuna mill-familjari tagħha sabiex trabbihom tant illi l-introjtu taghha generalment huwa dak tal-beneficcji socjali;*

*9. Peress illi l-konvenut biegh mobbli parafernali jew mixtrija bi flus parafernali tal-attrici minghajr il-kunsens taghha u minghajr ma ghaddielha r-rikavat;*

*Il-manteniment.*

*Illi l-intimat jahdem bhala self employed igorr l-iscrap u jbiegh l-aluminium, ram, spare parts tal-karozzi u affarijiet simili. L-attrici tikkalkula illi huwa jaqla cirka €1,000 fil- gimgha, dan kif gie pruvat diga' mar-rikors ghall-manteniment pendente lite u kif ghad jidher ampjament fil-mori tal-kawza;*

*Illi l-intimat m'huwiex regolari fl-ghoti tal-manteniment u ghad ghandu l-arretrati x'jghaddi lill-mittenti;*

*Illi issa l-esponenti tinsab f'diffikulta' finanzjarja kbira stante illi bhalissa ghandha dhul esigwu ghax tiehu hsieb it-tfal hi u b' hekk ma ghandiex introjtu xieraq u sufficjenti.*

*Illi l-intimat mhux l-ewwel darba illi jhedded illi jieqaf jahdem jew jaghmel minn kollox sabiex jieqaf jaghti manteniment lill-uliedu u lill-martu.*

*Il-vjolenza.*

*Illi l-partijiet għadhom jghixu taht l-istess saqaf minkejja li dan qieghed jaghmel hsara l-aktar lill-ulied stante l-agir abbuziv tal-intimat.*

*Illi intant l-intimat uza vjolenza u theddid fil-konfront ta' martu u dan aktar minn darba. Dwar dawn l-incidenti saru diversi rapporti u l-intimat kien anki tpogga taht probation order kif ser jigi pruvat ampjament fil-mori tal-kawza. Kien hemm incidenti ohra li ukoll l-esponenti naqset milli tirraporta. Intant l-intimat jabbuza verbalment lil martu kull jum f' atmosfera ta' vjolenza psikologika. Hu diversi drabi jheddidha ukoll.*

*Illi l-intimat mhux kapaci jikkontrolla lilu innifsu meta jkun fil-presenza ta' martu. Minhabba f' hekk, kien hemm zmien meta l-esponenti kellha anki titlaq mid-dar u tiehu lit-tfal maghha f'shelter ghan-nisa msawta. Illum dawn l-incidenti ta' ghajjat, theddid, tghajjir, kliem hazin u intimidazzjoni jirrenjaw fid-dar matrimonjali u l-intimat huwa ta' periklu kemm ghall-esponenti kif ukoll ghall-ulied.*

*Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-attrici titlob bir-rispett lill-din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun jghogobha:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba vjolenza u swat, minacci, ingurji gravi, eccessi, sevizzi, u mohqrija lejn l-attrici maghmula u sussidjarjament minhabba mill-konvenut ai termini tal-Kodici Civil inkompatibbilita ta' karattru ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili tistabilixxi data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnha huwa kien hati ghall-firda;*

*2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-intimat;*

*3. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tigi fdata f'idejn l-attrici u tordna li kull access tal-konvenut ghall-minuri ma jsirx f' cirkostanzi li jistghu jaghmlu hsara morali jew materjali lill-minuri;*

*4. Tordna lill-intimat sabiex ihallas manteniment ghall-attrici u ghall-istess ulied minuri u tordna lill-istess intimat sabiex ihallas dik ir-retta alimentali hekk stabbilita, b'dawk il-modalitajiet kollha inkuluz li l-pagament isir permezz ta' standing order li l-intimat għandu jigi ordnat li jaghmel a favur l-attrici, kif ukoll din ir-retta alimentarja tigi inkrementata perjodikament sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.*

*5. Tillikwida l-prelevamenti dovuti lill-attrici bhala konsistenti f'donazzjoniiet u/jew rikavat mill-bejgh ta' oggetti parafernali lilha appartenenti versati fil-komunjoni ta' l-akkwisti li kien hemm ezistenti bejnet il-partijiet ghall-numru ta' snin waqt iz-zwieg taghhom;*

*6. Tikkundannah jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti l-oggetti mobbli parafernali taghha u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lilll-attrici l-valur taghhom stabbilit minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' perit jew periti nominandi;*

*7. Tillikwida l-assi rimanenti mill-komunjoni tal-akkwisti illi baqghu in komuni bejnet il-partijiet wara l-qasma tal-assi illi saret fis-sittax (16) ta' Dicembru, 2008 quddiem in Nutar Dottor Rachel Busuttil jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed;*

*8. Tahtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-assi rimanenti mill-komunjoni tal-akkwisti kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-konvenut jidhru minfloku;*

*9. Tordna l-bejgh tal-assi rimantenti mill-komunjoni tal-akkwisti illi baqghu in komuni bejnet il-partijiet wara l-imsemmija qasma tal-assi, inkluz id-dar matrimonjali;*

*10. Tordna illi l-hlas tal-utilitajiet illi ghadhom pendenti mal-awtoritajiet koncernati jigu ssopportati miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali;*

*11. Tordna illi jekk ikun hemm hlasijiet pendenti mill-intimat, kemm ta' manteniment, ta' utilitajiet jew ta' oggetti ohra sal-gurnata meta tinbiegh id-dar matrimonjali jew l-assi komuni tal-partijiet, dawn l-imsemmija spejjez jitnaqqsu direttament*

*mill-porzjon tal-intimat mir-rikavat tal-imsemmi bejgh u jgħaddu ghand l-attrici mmedjatament a saldu ta' dak dovut lilha kif ukoll ta' dak dovut lill-awtoritajiet illi tkun ghamlet tajjeb ghalieh ghalkemm mhux minnha dovut, sabiex ma jinqatghux il-provvisti tal-utilitajiet fid-dar matrimonjali;*

*12. Tawtorizza lill-attrici u lill-ulieda tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimat sal-gurnata tal-bejgh tal-istess dar b'dan illi l-intimat jigi prekluz milli jostokola l-godiment tal-istess dar stante illi hemm komunikazzjonijiet tad-dawl u l-ilma illi jgħaddu ghall-garaxx li tieghu ghandu l-uzu l-intimat;*

*13. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kodici Civili;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk inkorsi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Digrieti fl- Atti tal-Ittra Nru 970/10 GG fl-ismijiet A B vs C B) kontra l- konvenut ingunt minn issa sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] fejn eċċepixxa:

*Illi dwar l-ewwel talba, l-esponent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet izda dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi t-tieni talba hija superfluwa u ma kellhiex għalfejn issir.*

*Illi l-esponent ma jopponix li l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja fattwali tat-tlett tfal minuri izda l-kura u kustodja legali taghhom ghandha tibqa kongunta bejn il-partijiet. Dwar*

[2] Fol. 17.

*modalita ta' access ghall-imsemmija tfal, dan ghandu jkun xieraq u adegwat sabiex l-eccipjent ma jigix innegat li jibqa f'kuntatt suratanies mat-tfal.*

*Illi dwar ir-raba talba, l-eccipjent jissottometti li l-attrici tilfet id-dritt li tesigi manteniment minghandu; sussidjarjament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, hija gja qeghda tippercepixxi dhul bil-mohbi sufficjenti biex tmantni lilha nnifisha. Inoltre hija ghad ghandha eta zghira biex tfittex u jkollha impjieg regolari u dan mhux qed taghmlu kapriccosament. Inkwantu ghal hlas ta' manteniment ghat-tfal minuri, l-eccipjentdispost li jhallas manteniment xieraq kalkolat skond il-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tat-tfal b'dan pero li l-attrici ghandha tigi ordnata li anke hija tikkontribwixxi wkoll skond il-ligi ghal manteniment tal-istess tfal.*

*Illi inkwantu ghal hames talba, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in vista tal-klawsoli tnejn (2), disgha (9) u hdax (11) tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil datat 16 ta' Dicembru 2008.*

*Illi s-sitt talba attrici ghandha wkoll tigi michuda ghall-istess raguni ndikata fir-rigward tal-hames talba.*

*Illi l-eccipjent ma jopponix ruhu ghas-seba talba.*

*Illi t-tmien talba ghandha tigi michuda stante li ma hemmx assi immobiljari rimanenti wara l-likwidazzjoni tal-komunjoni maghmula bil-kuntratt fuq imsemmi u għalhekk m'hemmx il-htiega ghal hatra ta' nutar ghall-iskop mitlub.*

*Illi d-disgha talba ma tistax tigi milqugha fir-rigward tad-dar matrimonjali stante li l-istess dar qatt ma kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

*Illi l-eccipjent ma jopponix ruhu ghall-ghaxar talba purche huwa jibqa jghix fid-dar matrimonjali pendente lite.*

*Illi l-eccipjent ma jopponix ruhu ghal hdax it-talba purche l-istess jigi applikat kontra l-attrici kemm il-darba hija ma thallasx il-kontijiet dovuti minnha.*

*Illi l-eccipjent jopponi ruhu ghat-tnax it-talba stante li huwa ma ghandu ebda akkomodazzjoni alternattiva fejn jista jmur jghix.*

*Illi l-eccipjent jopponi ruhu ghat-tlettax it-talba u jirritjeni li dawn il-provvedimenti ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-istess attrici.*

*DIKJARAZZJONI*

*Il-konvenut jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:*

*1. Illi iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser minhabba sevizzi, theddid, eccessi u ngurji gravi kommessi mill-attrici fil-konfront tal-esponent kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi l-esponent jixtieq jirrileva li fost it-tortijiet imputabbli lil martu hemm l-agir qarrieqi taghha li fis-sena 2008 hija heddet lill-esponent li tissepara minn mieghu kemm il-darba ma jassenjalhiex nofs id-dar fejn kienu jghixu. Jigi spjegat li l-esponent ottjena l-art li fuqha inbniet l-imsemmija dar minghand familtu u bnieha qabel iz-zwieg minn flusu hlief ghal kontribut minimu ta' madwar erbat elef lira (Lm4000) mill-attrici. B'danakollu, minkejja li tali kontribut dapparti tal-attrici ma kienx jintitolaha li jkollha nofs sehem mid-dar, l-esponent, biex ma jkissirx iz-zwieg, kellu jaccetta ir-rikatt ta' martu u allura sar il-kuntratt imsemmi fl-eccezzjonijiet fejn giet terminata u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti u allura beda japplika ir-regim tas-separazzjoni tal-beni u bl- istess kuntratt huwa assenja n-nofs indiviz tal-imsemmija dar lill-*

*attrici. Dan huwa ghamlu biex ma jkissirx il-familja izda il-hsieb tal-attrici kien mod iehor ghaliex, ottenut dak li riedet, halliet inqas minn sentejn jghaddu u f'Awissu 2010 fethet il-proceduri ghas-separazzjoni li wasslu ghal kawza odjerna.*

*3. Illi dwar ulied il-partijiet, l-esponent, filwaqt li ma jopponix li dawn it-tfal ikunu fil-kura u kustodja fattwali ta' martu, ma jarax għalfejn li l-kura u kustodja legali taghhom m'ghandhiex tibqa kongunta bejn il-partijiet.*

*4. Illi dwar access ghal uliedu, l-esponent jitlob li dan l-access ikun regolat sew ghaliex anke issa fejn l-esponent ghadu jghix fl-istess dar ma martu u t-tfal, hija tara kif taghmel sabiex meta hu ikun id-dar tohrog bit-tfal biex hu ma jkunx jista jarhom u jkun maghhom.*

*5. Illi fir-rikors guramentat taghha, martu tallega li l-esponent "jippretendi li ma jonorax" id-degriet dwar il-manteniment Jigi pero spjegat li d-degriet dwar il- manteniment inghata f'cirkostanzi partikolari. Fil-fatt martu intavolat ir-rikors ghal manteniment fid-9 ta' Gunju 2011 u minkejja li l-Qorti ordnat mill-ewwel in-notifika tieghu lill-esponent, hija qaghdet tistenna sa l-ahhar ta' Awissu biex thallas in-notifika u meta dan ir-rikors gie notifikat lill-esponent, huwa sab lill-avukat tieghu imsiefer u meta seta jikkuntattjah fil-bidu ta' Settembru, kien gja skada t-terminu ghar-risposta u inghata id-degriet li fil-fatt gie moghti fil-5 ta' Settembru 2011. Ghalhekk tali degriet inghata unikament fuq l-allegazzjonijiet inveritieri ta' martu dwar il-mezzi tal-esponent u d- daqstant allegazzjonijiet inveritieri taghha dwar il-bzonnijiet taghha u tat-tfal. La martu u lanqas l-avukata taghha qatt ma taw spjegazzjoni ghalfejn qaghdu propju jistennew xahrejn u jinnotifikaw lill-esponent fil-perjodu fejn bosta mill-avukati johorgu ghal btala. Fid-dawl ta' dan ghalhekk l-ammont ta' manteniment m'ghandux ikun dak dekretat pendente lite izda dak li verament jirrispekkja il-mezzi tal-esponent u l-bzonnijiet tat-tfal.*

*6. Illi inkwantu ghal manteniment tal-attrici nnifisha, l-esponent jirrileva li martu taghmel hafna xoghol ghal rasha u bil mohbi pero tghid li ma tahdimx u ma taqlax flus ghaliex ix-xoghol li taghmel mhuwiex wiehed ufficjali u ghalhekk ma jistax jingiebu provi dwar xi ddahhal. Inoltre ghalkemm ghad ghandha wiehed u erbghin (41) sena hija ma qed taghmel ebda sforz sabiex issib impjieg regolari u ufficjali, ghaliex ovvjament ma jaqbilliex. F'dawn ic-cirkostanzi l-esponent ihoss li martu qed tapprofitta ruhha a skapitu tieghu ghaliex, apparti l-fatt li hi tilfet id-dritt li tibqa tircievi manteniment minghandu, fi kwalunkwe kaz, ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha u sussidjarjament, mhijiex qeghda ssib xoghol redditizju ufficjali kapriccosament.*

*7. Illi in vista tal-kuntratt notarili datat 16 ta' Dicembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil, il-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn il-partijiet giet xjolta u likwidata u minn dakinhar il quddiem beda japplika bejn il-partijiet ir-regim tas-separazzjoni tal-beni. Id-dar matrimonjali tal-partijiet ma kenitx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti likwidata b'dak il-kuntratt izda saret komuni bejn il-partijiet minhabba li l-esponent ittrasferixxa lil martu in-nofs sehem indiviz kif fuq spjegat wara li l-komunjoni giet xjolta u likwidata. disgha (9) tal-istess kuntratt, kull kreditu parafernali tal-partijiet sa dakinhar gie saldat Inoltre, kif jidher mill-klawsoli tnejn (2) u bl-iktar mod assolut, u inoltre fil-klawsola hdax (11) il-partijiet iddikjaraw rwiehhom pjenament sodisfatti u li “ma fadlilhom ebda pretensjoni ohra kontra xulxin, salv dak hawn miftiehem”.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut;

Rat kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 301/1999;

Rat kopja taċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 4404/1999 tal-wild D li twieldet fl-24 ta' Diċembru 1999;

Rat kopja taċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 1321/2001 tal-wild E li twieled fid-29 ta' Marzu 2001 ;

Rat kopja taċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 691/2002 tal-wild F li twieldet fl-14 ta' Frar 2002 ;

Rat kopja tad-digriet tat-3 ta' Frar 2012[3] li bih il-Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru 2012[4] f'liema seduta l-Qorti ħatret lil Dr Kenneth Gulia bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex jisma' l-provi kollha f'din il-kawża, id-digriet tal-20 t'Ottubru 2017[5] li bih issostitwiet lil Dr Gulia b'Dr Jonathan Spiteri bl-istess fakultajiet, il-verbal tal-21 ta' Frar 2019[6] f'liem seduta l-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Jonathan Spiteri u ssostitwietu b'Dr Abigail Critien u l-verbal tal-10 ta' Mejju 2023[7] f'liem seduta l-Qorti ħatret lil Dr Marita Pace Dimech bħala assistent ġudizzjarju wara li Dr Critien ġiet elevata għall-maġistratura;

Rat ix-xhieda kollha miġjuba quddiem il-Qorti, il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentata fis-7 ta' Frar 2025;[8]

---

[3] Fol. 8.
[4] Fol. 23.
[5] Fol. 627.
[6] Fol. 697.
[7] Fol. 929.
[8] Fol. 975.

Rat in-nota tal-konvenut ppreżentata fit-12 ta' Mejju 2025;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[10]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi jirriżulta li l-partijiet iżżewwġu fl-4 ta' April 1999 u minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tliet itfal li llum huma maġġorenni. Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob li tiġi pronunzjata s-separazzjoni bejnha u bejn il-konvenut. Hija tatribwixxi l-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ lill-konvenut minħabba vjolenza u swat, minaċċi, inġurji gravi, eċċessi, sevizzi u moħqrija kommessi mill-konvenut kontriha u peress li dan iż-żwieġ ġie reż impossibbli minħabba illi l-konvenut ma jgħix ħajja ta għaqda familjari. Magħdud ma' dan, l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur fejn l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut;

2. Tawtorrizzaha tgħix separatament minn żewġha;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, residenza, aċċess u l-manteniment u l-modalitajiet tal-ħlas tiegħu għal ulied il-partijiet;

4. Tordna lill-konvenut iħallasha manteniment għaliha;

[9] Fol. 992.
[10] Verbal tal-11 ta' Diċembru 2024 a. fol. 974.

5. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

6. Tillikwida l-prelevamenti dovuti lill-attriċi konsistenti f'donazzjonijiet u/jew rikavat mill-bejgħ ta' oġġetti parafernali lilha appartenenti versati fil-komunjoni ta' l-akkwisti li kien hemm eżistenti bejn il-partijiet u tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attriċi l-oġġetti mobbli parafernali tagħha;

7. Tillikwida l-assi rimanenti mill-komunjoni tal-akkwisti illi baqgħu in komuni bejn il-partijiet wara l-qasma tal-assi li saret fis-16 ta' Diċembru 2008 u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wieħed u tordna l-bejgħ tal-istess assi, inkluż id-dar matrimonjali;

8. Tagħti l-ordnijiet tagħha dwar ħlasijiet ta utilitajiet pendenti;

9. Tawtorizza lilha u lil uliedha jirrisjedu fid-dar ad esklużjoni tal-konvenut sal-ġuranta tal-bejgħ tad-dar;

Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi u jgħid li ż-żwieġ tkisser b'tort esklussivament tagħha. Huwa joġġezzjona illi: (i) jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ għaliex jallega li ż-żwieġ tkisser minħabba sevizzi, theddid, eċċessi u inġurji gravi minn naħa tal-attriċi, (ii) il-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi iżda għandha tkun konġunta, (iii) jħallas manteniment għaliha (iv) dwar it-talbiet li jirrigwardaw l-assi (v) tiġi awtorizzata li tgħix fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tiegħu (vi) jiġu applikati fil-konfront tiegħu dawk is-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi.

Il-Qorti tevalwa li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, hemm diżgwid kbir bejniethom fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ.

Ġjaladarba jirriżulta mill-atti li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser u m'hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-provi prodotti biex tiddikjara l-firda bejn il-partijiet u tiddeċiedi lil min għandha tiġi attribwita l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll tiddeċiedi rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ, u dan kif jirriżulta abbażi tal-provi mressqa.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenut:*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit ppreżentat permezz ta' nota fl-atti fil-21 ta' April 2015[11] fejn tgħid illi l-abbuż mill-alkoħol minn naħa ta' żewġha kien beda jaggrava mill-bidu taż-żwieġ u saħansitra meta twieldet l-ewwel tarbija, il-konvenut kien mar l-isptar fis-sakra u fil-fatt tgħid li ma kellha l-ebda tip ta' sostenn mingħandu wara li welldet għaliex lilu kont dejjem issibu xurban f'xi każin.

Tgħid li apparti minn hekk, kien iżomm kontroll sħiħ fuq il-finanzi u peress li hi kienet waqfet taħdem kienu jiddependu biss fuq il-paga tiegħu, madanakollu l-paga tiegħu kien iżommha hu u kien jinsisti li jmorru jixtru flimkien.

Meta twieled E, it-tieni wild, l-abbuż mill-alkohol kompla jeskala tant li ġurnata qabel il-magħmudija, tgħid li l-konvenut kien mar okkażjoni tal-festa tar-raħal flimkien mat-tifla li kien għad kellha sena u nofs u tant spiċċa f'sakra li kellu jwasslu d-dar ħabib tiegħu għax ma kienx felaħ jimxi. Il-vizzju beda

[11] Fol. 172.

jaffetwa l-finanzi u tgħid li kien ikollha titlob għajnuna mingħand familjari u ħbieb biex jagħtuha ħwejjeġ għaliha u għat-tfal. Tgħid li huwa kien imbagħad aċċetta li jieħu l-għajnuna u beda jattendi l-programm tas-Sedqa iżda maż-żmien ma bediex iżomm kuntatt mal-*careworker* tiegħu u beda jinnega li kellu l-vizzju.

Tkompli li mbagħad beda jsir vjolenti u paranojku tant li beda jsemmi li jrid jieħu test ġenetiku tat-tifla għaliex beda jgħid li l-attriċi ma kinitx fidila lejh u meta wara xahrejn li twieled it-tieni wild, ħarġet tqila bit-tielet wild, beda jħossu soffukat. Issemmi kif huwa beda jara minn fejn ser jobrom iktar flus u ħadilha nofs *pregnancy cheque,* iċ-ċekk taċ-*childrens allowance,* u ġiegħlha tiffirma għal-self ta' ħames mitt lira Maltin (Lm500) biex jixtri sistema ta' satellita li qatt ma waslet. Dan kollu biex jiffinanzja l-logħob tal-azzard.

L-abbuż u l-kontroll żdied u dakinhar li ħarġet mill-isptar bit-tielet wild tgħid li ħalliha d-dar bi tliet itfal weħedha. Fl-istess ħin tgħid li beda jsegwi kull pass tagħha anke fuq it-telefon u b'hekk qattaha minn ma' kulħadd. Kien jispiċċa jidħol fis-sakra u anke jagħmel il-bżonnijiet tiegħu fejn isib ġewwa d-dar kif jidħol u kien ikisser affarijiet li jsib quddiemu u jwerwer lilha u lit-tfal.

Żdiedu mbagħad l-inċidenti fejn tgħid li beda jkun vjolenti magħha fil-preżenza tat-tfal u bdew anke jidħlu l-Pulizija li huma stess ħeġġewh sabiex jieħu l-għajnuna. Tgħid li fetħet proċeduri ta' medjazzjoni fi Frar 2004 iżda fl-istess ħin xtaqet tagħti ftit ċans għaliex il-konvenut kien beda jattendi xi sessjonijiet tas-Sedqa, iżda wara ftit kien waqaf ukoll. F'Mejju 2004 tgħid li kien inqala' argument għaliex ma riedx jagħtiha flus u kien ħebb għaliha b'tornavit u heddidha li ser joqtolha. Tgħid li dakinhar verament beżgħet u wara li rrapurtatu u telgħu l-Qorti kienet ħafritlu għaliex wiegħdha li ser ifittex l-għajnuna. Tkompli ssemmi iktar inċidenti simili fejn heddidha anke b'ħajjitha u kienet spiċċat verament

imbeżża ġod-dar, mis-sigurtà tagħha u ta' wliedha. Apparti li kien heddidha b'sikkina, fis-Sajf tal-2005 kien tefgħalha dixx mimli għal wiċċha u platt tal-ħġieġ li b'xorti tajba ma laqtuhiex. F'Jannar 2006 tixhed dwar inċident ieħor fejn il-konvenut saħansitra rrifjuta li jixtri mediċini li kellhom bżonn it-tfal u filgħaxija kien mar jilgħab il-flus ġewwa bar f'Ħal Tarxien.

Tixhed imbagħad dwar inċident fejn hija kienet id-dar qed tipprepara kejk għal E li kien ser jagħlaq sninu u meta l-konvenut daħal minn barra u ried jiekol qaltlu jieħu l-ikel mill-forn għaliex ma setgħetx titlaq minn idejha. Huwa beda jtiha fuq wiċċha u ħareġ sikkina u qalilha li ser idaħħalilha ġo għonqha u jibgħatha l-qabar u jitfa' lit-tfal ġo istitut. Beda jwaddab l-affarijiet li kien hemm fil-kċina, lilha tefgħalha *jug* u set konteituri tal-kafe u lit-tifla kien ser igaralha dixx bl-ikel. Wara poġġa bilqiegħda u kiel u telaq il-barra filwaqt li qalilha tnaddaf il-kċina. Qabel ħareġ ħadilha l-mobile, qata' l-linja tad-dar, imblokka l-bieb tal-garaxx u ħa ċ-ċwievet tal-karozza. Dakinhar il-Pulizija ħaduha ġewwa Dar Merħba Bik u l-konvenut weħel sena *probation* u kellu jattendi terapija individwali u *family therapy* li rrifjuta li jattendi u għalhekk il-*probation* ġiet estiża għal sena oħra.

It-tfal imbagħad bdew bil-problemi tagħhom, effett tat-trawmi li kienu qed jgħaddu minnhom ġewwa d-dar u l-għalliema ta' D kienet qalet lill-attriċi omm li D kellha *death wishes*.

Issemmi inċident ieħor fejn fis-sakra l-konvenut beda jiżfen ma' E b'mod li poġġih fil-periklu tant li spiċċa waqqa' lit-tifel fuq it-tustiera tas-sodda u dan kellu jagħmel erba' punti u inċident ieħor meta t-tifla kellha ħafna deni u l-konvenut irrifjuta li jħallas tabib biex imur id-dar u kellha għalhekk teħodha ċ-ċentru tas-saħħa filwaqt li hu ħareġ jixrob u jilgħab.

Wara li l-konvenut tilef flusu f'logħob tal-ażżard il-casino, tgħid li kellu jsir pjan mal-*probation officer* peress li ma kienx żamm mal-obligazzjonijiet tiegħu u f'din il-laqgħa huwa ffirma dokumenti biex il-paga tgħaddi direttament għandha u ieħor biex jattendi sessjonijiet ta' terapija. Tispjega li ftehmu li jekk ma kienx ser iżomm ma' dawn il-kundizzjonijiet, hija kienet ser tiftaħ proċeduri ta' separazzjoni. Madanakollu huwa xorta sab tarf u filwaqt li qabad u telaq il-barra minn sessjoni ta' *family therapy* huwa qagħad idawwar il-kontijiet tal-bank u jħallas il-loans mid-dħul li kellu mir-riċiklaġġ tal-ħadid u l-kera tal-garaxxijiet b'tali mod li ma jħallix flus għall-bżonnijiet tal-familja.

Issemmi inċidenti oħra fejn il-konvenut kien saħansitra vjolenti mat-tfal u fl-2008 tgħid li sabet il-kuraġġ u bdiet proċeduri ta' separazzjoni tal-assi fejn huwa assuma r-responsabbilità tad-dejn kollu li kellu fuq ismu. It-theddid kompla jiżdied, fejn anke kkaġuna ġrieħi fuqha u fuq it-tifel u prova anke jqatta' proġett tal-iskola tat-tifla. L-Aġenzija Appoġġ kienu ħeġġewha tidħol ġo xelter u fil-*weekend* qabel daħlet, huwa taha daqqa ta' ponn waqt li kienet rieqda fis-sodda.

Tgħid li fis-16 ta' Diċembru 2008, waqt li kienet qed tirrisjedi ġewwa Dar Merħba Bik, huma ffirmaw kuntratt tas-separazzjoni tal-beni biex jitterminaw il-komunjoni tal-akkwisti. Tgħid li mbagħad tilef xogħolu għaliex inqabad ibabas fil-flus u rnexxielu jġib il-liċenzja tat-trakkijiet u f'Jannar 2009 beda jaħdem ma' ħuha fil-kostruzzjoni. Tgħid li f'dan iż-żmien is-sitwazzjoni marret għall-aħjar għaliex il-paga tiegħu kienet qed tasal id-dar.

Fl-2010 reġgħet fetħet proċeduri ta' separazzjoni u tgħid li marret tirrisjedi f'xelter fis-Sajf imbagħad irritornat id-dar meta t-tfal bdew l-iskola. Wara biss sitt (6) xhur iddejjaq jaħdem ma' ħuha u beda jaħdem il-Freeport fejn spiċċa tkeċċa u beda sensiela ta' problemi ta' xogħol u għalhekk

spiċċaw jgħaddu bil-benefiċċji soċjali. Tgħid li darba minnhom id-dar spiċċa l-ikel kollu u filwaqt li hu beda joħroġ jiekol waħdu, nefaq ukoll tmenin Ewro (€80) f'biljetti tal-lottu f'ġurnata waħda u lilhom ħallihom mingħajr ikel. F'April 2011 saħansitra tgħid li biegħ il-karozza tagħha li kienet tuża biex tmur kors u twassal lit-tfal l-iskola.

Il-vjolenza magħha u mat-tfal tgħid li kompliet tant li waqt argument fl-4 ta' Ġunju 2011 il-konvenut kien qalilha "*Naf in-nies sabiex jeħilsu minnek*". Tgħid li weħel sentenza sospiża iżda hija ma setgħetx titlaq mid-dar għaliex ma kellhiex flus biex tikri. Beda wkoll jiffrekwenta l-ħbieb u jidħol fis-siegħat bikrin ta' filgħodu u ġieli ratu fil-garaxx tad-dar magħhom u kellha suspett li kien qed jabbuża mid-droga. Fl-istess waqt lilha riedha toqgħod id-dar u tħallas l-ispejjeż, tieħu ħsieb id-dar u tnaddaf. Tgħid li kienet qed tingħata pariri biex ma tibqax fid-dar madanakollu ma kellhiex flus biex tikri.

Tgħid li fl-aħħar irnexxielha ssib post b'mitejn u ħamsin Ewro (€250) fis-sena li iżda kellu bżonn ħafna manutenzjoni, iżda bl-għajnuna ta' familjari u aġenziji irnexxielha tagħmlu. Sadanittant hu beda jissuspetta fuq dan il-post u ħoloq inċident ieħor fejn żamm lit-tifla F u heddidha b'lasta ta' xkupa biex tgħidlu fejn hu. Tgħid li hemm ħadet deċiżjoni u sakemm lestiet il-post marret tgħix Merħba Bik. Sadanittant hu niżel jgħix ġol-garaxx ta' taħt id-dar. Lit-tfal rari kien jeħodhom għall-aċċess u fil-21 ta' Settembru 2013 kienu marru joqgħodu fil-post li bdiet tikri.

Tgħid li l-manteniment jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut iżda hu baqa' qatt ma jħallas spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni minkejja li sejjer tajjeb fin-negozju tiegħu. Huwa lanqas għall-griżma ta' F ma attenda. Tgħid li f'Novembru 2014 mar jieħu lit-tfal għall-aċċess u miegħu kellu l-ċertu L M li ġimgħa wara semgħet fuq l-aħbarijiet li kien tressaq il-Qorti fuq traffikar tad-droga. Hija tgħid li kienet ferm inwketata li t-tfal tagħha qed ikunu fil-preżenza ta' dawn in-nies.

F'Diċembru mbagħad ta xi flus lit-tfal bħala rigal tal-Milied biex l-għada reġa' mar lura jieħu lura ammont sostanzjali minnhom.

Hija tippreżenta diversi dokumenti flimkien mal-affidavit tagħha fosthom:

i. Dikjarazzjoni ta' N O P datata 10 ta' Settembru 2013[12] fejn tiddikjara illi hija kienet f'kuntatt mal-attriċi u anke kienet iżżurha ġewwa Dar Merħba Bik u li meta kienet sejra toqgħod ġol-kiri kienet iddonatilha diversi oġġetti peress li rat kemm kienet fil-bżonn. Apparti oġġetti tad-dar tgħid li tatha wkoll ħwejjeġ għat-tfal, ikel u xi għajnuna finanzjarja;
ii. Dikjarazzjoni ta' Dr I A H[13] li biha jiddikjara illi ddona liz-zija tiegħu l-attriċi *dining room suite* konsistenti *f'dining table*, sitt (6) siġġijiet, *display cabinet*, *sideboard* u *chiffonier*, flimkien ma *mahogany display cabinet* u *fifties old television cabinet*. Missieru kien irrestawra diversi minn dawn l-oġġetti li setgħu jservu ta' għajnuna kbira għaliha wara li l-oġġetti fid-dar tagħha spiċċaw b'diversi tkissir minħabba l-konvenut u l-vizzji li kellu;
iii. Dikjarazzjoni ta' G u K H[14] li jiddikjaraw li kemm-il darba sellfu flus lil oħtha mingħajr interessi iżda biss bl-iskop li jgħinu lil oħtha li kienet għaddejja minn tbatija kbira kemm finanzjarja kif ukoll emozzjonali minħabba l-vjolenza domestika. Tgħid li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha kienet waħda mwiegħra. Tgħid li kienu jipprovdu wkoll ikel kull ħmistax għall-familja t'oħtha u ħwejjeġ ġodda għat-tfal u uniformijiet. Kienu anke jgħinuha bil-mediċini għaliex il-manteniment kien

[12] Fol. 213.
[13] Fol. 214.
[14] Fol. 215.

ħafna drabi jingħata tard. Jgħidu li kienu jħossu li jridu jikkumpensaw għan-nuqqasijiet tal-missier u b'sens ta' mħabba u obbligu għall-familja ta' oħtha u

iv. Sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali kontra l-konvenut;

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi tressaq is-segwenti provi:*

a. *Affidavit ta' G H ossia oħt l-attriċi ppreżentat fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012*[15] li tgħid li hi ilha taf li l-partijiet kellhom problemi fiż-żwieġ għaliex oħtha kienet iċċemplilha regolarment, ġeneralment wara xi ġlieda fejn kienet tkun sfat imsawwta, anke tard bil-lejl. Tgħid li oħtha kienet tgħidilha li l-konvenut ikun fis-sakra u li qiegħed jitkellem ħażin u jagħmel xenata. Tgħid li hi stess kienet tisma' l-għajjat u storbju fuq it-telephone u kultant anke t-tfal kienu jinstemgħu mwerwrin. Tgħid li hi kienet tmur għandha wara li jiġri dan u kienet tara oġġetti mkissrin u affarijiet ma' l-art. Tgħid li ġieli ċemplitilha oħtha tibki jew it-tfal wara li jsawwathom u jgħidulha biex iċċempel lill-pulizija għaliex ġieli anke qalu li kien ser joqtolhom.

   Tgħid li hija ġieli anke kellmet lill-konvenut li tgħid li kellu sudizzjoni minnha u magħha dejjem waħħal f'ħaddiehor għall-problemi li kellu u dejjem kien jipprova jsib skuża għalfejn tkun inqalgħet il-ġlieda. Tispjega li dawn it-tip ta' inċidenti kienu jseħħu spiss, anke darba fix-xahar u hi tgħid li qatt ma waslet li marret għand il-pulizija biex ma tkabbarx l-affarijiet u kienet minflok tmur hi għandhom. Peress li hi ma kinitx iċċempel, l-attriċi kienet tinforma lill-pulizija hi.

[15] Fol. 24.

Tispjega li quddiemha ma tantx kienu jiġġieldu iżda darba kienu marru Għawdex mal-familja u kienu semgħuhom jiġġieldu u sakemm kienu hemm il-konvenut lanqas kien jinżel jiekol magħhom u kien joħroġ u jdum u ħadd ma kien ikun jaf fejn mar. Tgħid li hi u ħutha kienu qalulu li mhux sew kif qed jagħmel ma jgħinx lil oħthom bit-tfal *etc.* u hu kien qabad telaq kmieni minn Għawdex u tellfilhom il-pjaċir tal-vaganza. Tgħid li kienet tkellmu ħafna u tipprova tiftaħlu għajnejh iżda hu kien baqa' jagħmel li jrid.

Tkompli li għandu l-vizzju tax-xorb u li ħafna drabi jkun fis-sakra u qabel xi ikla li kien ikollhom dejjem kien ikun diġà xurban imbagħad jibqa' jixrob waqt l-ikla u ma jqis xejn u jtellef il-gost lil kulħadd. Tgħid li oħtha kienet ukoll tgħidilha li jilgħab il-flus u ġieli anke żammitilhom it-tfal meta kienu jmorru s-Sedqa u l-Caritas.

Tgħid li lanqas id-dar ma kien jgħin f'xejn u kien jaħseb li d-dinja ddur madwaru. Jekk kien ikun qed jara xi film kien jippretendi li ħadd ma jitkellem u lanqas il-magna tal-ħasil ma kienet tista' tqabbad l-attriċi ħabba l-ħoss. Tgħid li oħtha dejjem ġarret hi l-piż tal-faimilja u kienet tipprova tgħinu jegħleb il-problemi li kellu billi anke tmur hi miegħu l-programmi tal-vizzji. Tgħid li hi kienet tgħin billi tixtri l-affarijiet lit-tfal biex ma jħossuhomx differenti minn ħaddiehor u t-tfal kienu jċemplu lilha meta kien ikollhom bżonn xi ħaġa. Tgħid li kienet ukoll issellef flus lil oħtha għaliex ma kienx jibqalhom flus u ġieli anke ħaditilhom xi ikel bħal *yoghurts* biex ikollhom x'jieklu. It-tfal kienu konxji ta' din id-diffikultà finanzjarja. Tgħid li dan kollu sar normalità fil-familja t'oħtha u oħtha kellha anke kemm-il darba tmur Dar Merħba Bik. Tgħid li huma verament kienu jinkwetaw li tkun waslet s'hemm, iżda ommhom kienet tibża li seta' jagħmlilha xi ħaġa jekk iddaħħalha toqgħod magħha.

b. *Affidavit ta' Dr I J H, ossia n-neputi ta' l-attriċi ppreżentat permezz ta' nota fl-atti fil-21 ta' April 2015*[16] li jispjega li huwa jiġi t-tifel ta' oħt l-attriċi u D, E u F jiġu l-kuġini ż-żgħar tiegħu. Jgħid li trabba magħhom għaliex l-attriċi kienet zitu ż-żgħira u kien ikun ħafna għandhom.

Jgħid li huwa Psikologu Kliniku u jispeċjalizza fuq il-vizzji, prinċipalment fuq xorb, droga u logħob tal-azzard. Jispjega li għal għaxar (10) snin kien jagħti servizz bħala *Senior Clinical Psychologist* u kien ukoll kordinatur ta' *Sedqa Pyschological and Family Services* u issa jaħdem fi klinika privata tiegħu. Jiċċara illi fiż-żmien li l-konvenut kien qed jipprova jibda l-proċess ta' kura mal-Aġenzija Sedqa, hu kien għadu mpjegat mal-Aġenzija u għalhekk minħabba dilemma etika għall-fini ta' *case management*, hu kien iddelega persuni oħra *in charge* u ma kienx ikun preżenti fil-*case reviews* u ma kellu l-ebda *input* jew *feedback* fuq il-każ. Jgħid li d-dokumentazzjoni tal-Aġenzija huma xiehda ta' dan. Jgħid għalhekk li x-xhieda tiegħu hija purament personali minn *punto di vista* tiegħu li għix dan il-każ fil-familja u bl-ebda mod ma hu ġudizzju kliniku formali fuq il-partijiet, għalkemm minħabba l-professjoni tiegħu jgħid li huwa inevitabbilment jara oltre minn dak li hu ovju u dirett.

Jgħid li mill-bidu taż-żwieġ il-konvenut wera li ried jgħix ħajja ta' ġuvni lil hinn mir-responsabbilitajiet taż-żwieġ u fil-fatt anke meta kellhom l-ewwel wild beda jitraskura sew id-doveri tiegħu familjari. Jgħid li kien ikollhom ġlidiet ħorox u l-għada qisu jħossu jiġi f'tiegħu u jixtri jew xi ħaġa għad-dar jew xi ġugarell lit-tfal u jibda jwiegħed li ser jinbidel. Iżda dan kollu kien iservi sa ftit ġranet wara meta kollox jerġa' jirrepeti ruħu. Jgħid li

---

[16] Fol. 247.

bidla vera qatt ma ra u l-konvenut qatt ma ngaġġja sew fil-proċessi terapewtiċi u kellu nuqqas ta' motivazzjoni.

Isemmi wkoll illi l-partijiet iżżewwġu xi ftit xhur wara li mietu l-ġenituri tal-konvenut u hu jemmen li dan kien għaliex il-konvenut ma kienx kapaċi jkampa waħdu fil-ħajja ta' kuljum u kien isofri minn biża irrazzjonali li jkun waħdu d-dar. Jgħid li meta kellhom it-tliet (3) itfal, il-konvenut qisu tilef kull kontroll u beda jżid fix-xorb, is-swat, tgħajjir żdied u jgħid li skoprew ukoll illi kien beda jilgħab il-flus fil-kaxxi tal-ħwienet tax-xorb u anke daħal fi djun sostanzjali fil-casino. Beda jsir ukoll iktar paranojku u kien sar wisq indifferenti, anke ma wliedu. Jgħid li huma għixu dan id-diżastru mill-qrib għaliex l-attriċi kienet partikularment iddur fuq il-familja tiegħu għas-support. Jgħid li ndunaw kemm kienet kerha s-sitwazzjoni għaliex jgħid li l-attriċi kienet tipprova taħbi t-tbatija u l-umiljazzjonijiet li kienet tissubixxi ta' kuljum u dan kollu bdew isiru wkoll jafuh mit-tfal li jgħid li kienu jsibu r-rifuġju fil-familja tiegħu.

Jgħid li bdew jindunaw kemm kienet weħeda zitu u kemm kienet f'sitwazzjoni finanzjarja ħażina u kienet tkun dejjem bl-istess uniformi u b'paniku fuq wiċċha meta joqorbu l-festi jew ċelebrazzjonijiet familjari fejn jidħlu spejjeż ta' rigali u lbies. Saru jafu li x-xirjiet kien jagħmilhom il-konvenut stess biex iżomm kontroll u kien hemm drabi fejn lanqas flus għall-mediċina tat-tfal ma kien ikollha zitu. Jgħid li allura hu kien jgħin finanzjarjament għax-xiri ta' ħwejjeġ, żraben, kotba u ġugarelli għat-tfal biex dawn iħossu n-normalità. Jgħid li dan għadu jagħmlu sa issa biex inaqqas mill-kruhat li t-tfal jaffaċjaw ta' kuljum. Jgħid li hu kien parrinu tal-Griżma ta' D u apparti r-rigal kien ħallas il-libsa tagħha u ta' ħutha u l-ġenituri tiegħu ħallsu għall-ikla familjari.

Jgħid li fil-*weekends,* il-konvenut kien iqatta' ljieli u ġranet barra u meta jmur lura kien jew jintefa' fis-sodda jew jintefa' f'dagħdieha jkisser kull ma jsib quddiemu, jidgħi u jhedded.  Jgħid li apparti li kienu jmorru l-pulizija, hu u l-ġenituri tiegħu kemm-il darba marru fuq il-post u jsibu hemm lil zitu imbenġla u xxukjata u lit-tfal imwerwra jitkarrbu biex imorru jorqdu għandhom. Jgħid li zitu tkissret kompletament fejn kienet saret pupazz tal-konvenut u kienet tibża biża spjetata minnu u bla direzzjoni.

Huwa jitkellem dwar l-insikurezzi li jgħid li għandu l-konvenut u n-nuqqas ta' maturità ta' karattru u paranoja li d-dinja kollha qed tikkonfoffa kontrih.  Jgħid li kien ukoll ibati minn għira kbira għal martu u għalkemm jaħqarha u jgħid li żbalja li żżewweġ mara bħala, dipendenti fuqha.  Jgħid fil-fatt li kemm-il darba kien iċempel lil ommu biex jara hix hemm.  Isemmi wkoll illi l-konvenut juri preferenzi mat-tifel b'mod ovvju u qatt ma jafu jqatta ħin ta' kwalità mat-tfal u anke tilef l-ewwel tqarbina tat-tifel għaliex telaq mill-Knisja u mar f'bar viċin jixrob biex ifejjaq *hangover* li diġà kellu.

Jgħid li hu ra lil zitu tinbidel minn persuna b'saħħitha, serena u attiva għal persuna mfarrka psikoloġikament u jgħid li jammiraha kif għexet mat-tip tal-konvenut u kampat trabbi weħedha u b'dak il-kuntrarju għaddej madwarha.  Jgħid li madanakollu damet biex taċċetta l-falliment ovju tar-relazzjoni mal-konvenut u riedet iż-żmien u għajnuna professjonali biex fehmet li l-konvenut ma kienx ser jinbidel.  Bis-saħħa tagħha t-tfal għalkemm kienu mċaħħda kemm finanzjarjament u kemm mill-figura tal-missier, komplew il-ħajja tagħhom relattivament b'mod normali għax ommhom żammitilhom struttura soda ta' skola, studju, Scouts u attivitajiet ta' sport u divertiment.  Il-kontributi ġenerużi tal-familja għinu wkoll bis-sħiħ għal dan.  Madanakollu

tilfu l-fiduċja f'missierhom u kif jitkellmu miegħu (max-xhud) juruh li jħossuhom li ma jiswew xejn għalih. Jgħid li għaddew minn episodji ta' rabja u aggressività, fejn kien ċar li l-kaos tad-dar kien jaffetwahom, u l-*performance* skolastika tagħhom ġieli bagħtiet ukoll. Fl-agħar tal-kriżi matrimonjali jgħid li D u E kienu esprimew li xebgħu jgħixu u jixtiequ jmutu. Jgħid li t-tfal kienu esposti għal ħafna, u kien hemm anke okkażjonijiet fejn il-konvenut kien ikun jixtieq li xi ħadd minn uliedu jorqod fil-kamra tas-sodda tiegħu għall-wens. Jgħid li kien hemm żmien ukoll fejn it-tifel kien beda juża kliem oxxen ma' ħutu u kienet ċara li kien ikun qed jixrob l-aggressività li missieru kien jisqihom id-dar. Jgħid li llum ikkalma għaliex bħal ħutu rrassenjaw ruħhom li l-ġenituri tagħhom aħjar jimxu għal triqthom.

ċ. <u>*Xhieda ta' Manuel Mangani, rappreżentant mill-Aġenzija Sedqa*</u> <u>*waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013*[17] *u s-seduta tas-7 ta' Mejju 2013*[18]</u> li jgħid illi jaf lill-konvenut bħala klijent ta' Sedqa għal diversi snin, wara li ġie riferut minħabba problemi ta' alkohol u mbagħad anke problemi ta' logħob. Jgħid li għall-ewwel kienet tmur biss il-mara mbagħad għal ħabta tal-2003 mar l-ewwel darba l-konvenut għall-għajnuna. Kien ħareġ li għandu problema tal-alkohol u bdew jaħdmu miegħu. L-iktar li ħadmu fit-tul miegħu kien bejn l-2006 u l-2008. Jgħid li l-problema kienet waħda ta' nuqqas ta' konsistenza u għalkemm kien hemm mumenti fejn il-konvenut ġenwinament kien ikun jidher li qed jipprova, dan kien ikun nar tat-tiben li jdum biss ftit ġimgħat. Fl-2008 il-konvenut waqqaf il-kuntatt minn naħa tiegħu. Dwar il-vizzju tal-logħob ukoll kien hemm mumenti fejn kien jidher li ġenwinament qed jipprova iżda ma kienx

[17] Fol. 58.
[18] Fol. 64.

hemm sforz ġenwin fuq tul ta’ żmien li seta’ jġib riżultati.

Jgħid imbagħad li kellu notament illi jgħid illi waqt li l-attriċi kienet f’post tal-kenn “*C has agreed to declare half the house as A’s property and to pass on all his income from work to her in return for a promise that she and the kids would go home quite soon.”* Dan in-notament jgħid li sar fil-5 ta’ Diċembru 2008 b’referenza għal xi ġimgħat jew xhur qabel. Isemmi wkoll illi n-notament kompla jgħid li “*Since early August some changes occured. C maintained he has stopped drinking and has started to attend groups on Friday. There has been a degree of rapprochement between C and A, though at time of writing A and kids are still at Merħba Bik.”*

Fir-ri-eżami jgħid li fi Frar tal-istess 2008 kienu ltaqgħu hu, l-konvenut, il-ħaddiema soċjali li kienet taħdem miegħu, il-*probation officer* u ħaddiema oħra tas-Sedqa li kienu jaħdmu fis-servizz tal-familja biex jiddiskutu s-sitwazzjoni u għamlu programm li kien jikkonsisti f’erba’ (4) punti u *ċioé* 1. Li jattendi għall-*Men Services* li huwa intiż għal irġiel li jkollhom kwistjoni ta’ vjolenza domestika 2. Li jmur il-*gamblers anonymous* darba f’ġimgħa 3. Li jmur grupp ta’ l-alkohol u 4. Li jkollu sessjonijiet individwali max-xhud. Madanakollu x-xhud jispjega li mbagħad is-sitwazzjoni ddeterjorat u kien hemm kwistjoni finanzjarja u fil-31 ta’ Lulju 2008 l-attriċi marret f’xelter bit-tfal. F’dak il-punt deher ħerqan jagħmel li jista’ biex martu terġa’ tmur lura d-dar. Jixhed illi fit-12 ta’ Settembru 2008 mbagħad kellu nota illi: *"is-Sur B ilu midhla tas-servizzi ta' l-alkohol u ta' loghob ta' l-azzard ta' Sedqa ghal iktar minn tliet snin. Huwa ghandu problemi serji ta' loghob ta' l-azzard patologiku u ta' abbuz mix-xorb. Filwaqt li ghal hafna zmien is-Sur B xejn ma wera nteress genwin hlief ghal*

*perjodi qosra li jikkura ruhu minn dawn il-problemi, jidher car li dan l-ahhar biddel l-atteggjament tieghu, qed jiehu l-affarijiet iktar bis- serjeta' u qed jattendi l-gruppi terapewtici kemm ghal problemi tax-xorb, kif ukoll ghal problemi tal-loghob u ghas-sessjonijiet tal-counselling. Barra minn hekk is-Sur B lest ukoll joqghod fuq il-parir li nghatalu minn min qieghed isegwih professjonalment f' Sedqa li jiehu l-pillola Antabuse biex tghinu jikkumbatti l- problemi ta' xorb."..."Ghad baqghalu x' jahdem qabel ma jkun jista' jghid li l-problemi ta' dipendenza mil-loghob u l-abbuz tax-xorb qeghdin taht kontroll pero' qabad it-triq it-tajba u jekk ikompli miexi fiha jista' jasal biex jghix hajja normali u li tissodisfah kompletament minghajr xorb alkoholiku u loghob ta' l-azzard*."

d. *Xhieda ta' Pauline Camilleri, ħaddiema soċjali mad-Domestic Violence Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ li tixhed fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013*[19] li tgħid li kienet il-ħaddiema soċjali tal-attriċi minn Awwissu 2010 sa Marzu 2011. Tgħid li kien hemm ħaddiema soċjali oħra nvoluti kemm qabel u kemm wara dan iż-żmien. Tixhed fuq dak li qaltilha l-attriċi li kien qed jiġri.

e. *Xhieda ta' Pamela Cuschieri, Head of Home tad-dar Merħba Bik li tixhed fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013*[20]*, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013*[21] *u fis-seduta tal-4 ta' Frar 2014*[22] fejn tgħid li l-attriċi marret Dar Merħba Bik erba' (4) darbiet, fit-28 ta' Marzu 2006, it-tieni darba fil-31 ta' Lulju 2008, it-tielet darba fl-10 ta' Awwissu 2010 u r-raba' darba fid-29 ta' Ġunju 2013. Dawn l-*admissions* kienu prinċiparjament għaliex l-attriċi kienet tibża mill-konvenut. Tgħid li l-attriċi għandha relazzjoni tajba mat-tfal, twassalhom diversi attivitajiet u dejjem

[19] Fol. 68.
[20] Fol. 71.
[21] Fol. 83.
[22] Fol. 95.

obdiet ir-regolamenti tad-dar. Tgħid li l-konvenut ġieli ċempel biex ikellem lit-tfal, l-iktar lil E. Tiċħad li kellhom xi istruzzjonijiet biex jekk iċempel il-konvenut ma jgħaddux it-telefonati lit-tfal. Meta ma kienux ikunu d-dar, u missierhom kien iċempel, il-*careworkers* kienu jgħidulu jċempel fuq il-mobile.

f. *Xhieda ta' Antoinette Gatt Rutter mit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2014*[23] fejn taqra notamenti tal-kuntatti li kellha magħhom l-attriċi u dak li qaltilhom dwar is-sitwazzjoni tagħha u l-pariri għal referenzi oħra li huma tawha.

g. *Xhieda tal-Ispettur Hubert Cini stazzjonat ġewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2014*[24] li esebixxa kopja tal-fedina penali tal-konvenut, żewġ komparixxi fuq il-konvenut li minnhom ġie liberat u lista ta' sentenzi mogħtija kontra l-konvenut.

*Il-verżjoni tal-Konvenut u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Attriċi:*

Il-konvenut jixhed permezz ta' affidavit ppreżentat permezz ta' Nota fl-atti fit-12 ta' Novembru 2018[25] fejn jgħid li l-ħajja miżżewġa tagħhom ma tantx kienet tajba sa mill-bidu nett u dan peress li l-attriċi kienet trid tiddeċiedi kollox hi u lilu ma tħallih jagħmel xejn u dejjem għassa tiegħu. Jgħid li jekk kien ikun irid ibiegħ jew jixtri xi ħaġa kienet tkun trid taf id-dettalji kollha.

Ikompli li wara li xewwxuwha ħutha għall-ħabta tal-2007 u l-2008 hija marret Dar Merħba Bik bit-tfal u wara li talabha terġa' tmur lura d-dar hija marret iżda wara ġimgħatejn reġgħet telqet. Hija qaltlu li tmur lura d-dar biss jekk

[23] Fol. 102.
[24] Fol. 144.
[25] Fol. 665.

jiffirmalha karta li fil-fatt kienet il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni. Jgħid li hu ma kellux avukat dak iż-żmien u ma jafx jaqra u peress li ried li l-affarijiet ta' bejniethom jitranġaw, mar u ffirma. Jgħid li hu jħoss li tradietu għaliex għalih sempliċiment iffirma biex tmur lura d-dar bit-tfal, iżda sentejn wara, meta mar ikellem avukat jgħid li skopra li b'dik il-karta kien għaddielha nofs id-dar taż-żwieġ. Jgħid li sentejn wara li ffirma s-separazzjoni tal-beni, reġgħet iġġieldet miegħu u bdew jorqdu fi kmamar separati sakemm bdiet il-proċeduri ta' separazzjoni. Jgħid li mbagħad minn wara daru ħadet post f'Ħal Luqa u telqet mid-dar bit-tfal u marret toqgħod fih.

Jgħid li l-inkwiet kien dejjem għaliex ma kienx jagħtiha flus u kien jixrob. Jgħid li l-flus kienu jżommuhom f'kexxun id-dar u jaraw flimkien kif iqassmuhom flimkien. Fuq ix-xorb jgħid li veru kien imur is-Sibt u l-Ħadd xi ħanut jixrob iżda matul il-ġimgħa ma kienx imiss xorb. Jgħid li kemm-il darba sab flus neqsin mill-kartiera u hi kienet tiċħad li tkun ħaditlu l-flus minn hemm u jgħid li żgur kienet teħodlu l-flus għaliex kieku ma kienx ikollha biex tirranġa l-post ġewwa Ħal Luqa bil-moħbi.

Fil-kontro-eżami[26] jgħid li hu verament kellu problema ta' xorb u tal-logħob. Jgħid li dawn il-problemi bdew qabel iż-żwieġ iżda li llum il-ġurnata qata' kollox. Mistoqsi fuq il-vjolenza fiż-żwieġ, jgħid li l-attriċi kienet waqgħet it-taraġ apposta u marret il-poliklinika u bdiet tagħmel hekk biex tinkih sakemm iffirmalha l-kuntratt biex jagħtiha nofs id-dar u ħadet ukoll magħha oġġetti tiegħu mid-dar. Jgħid li ġieli kellhom xi jgħidu u kienet toqgħod toffendih u kienet tagħmillu hekk apposta u allura kien jaqbad u jitlaq il-barra

*__Il-Prinċipji legali u l-applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:__*

Fil-każ in eżami l-attriċi tatribwixxi t-tort għat-tkissir taż-żwieġ lil żewġha l-konvenut minħabba vjolenza u swat, minaċċi,

---

[26] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2023 a fol. 943.

inġurji gravi, eċċessi sevizzi u moħqrija kommessi mill-konvenut kontriha u nuqqasijiet serji *da parti* tiegħu fil-konfront tal-obbligi matrimonjali, filwaqt li l-konvenut jatribwixxi l-kawża tat-tkissir taż-żwieġ lill-attriċi minħabba sevizzi, theddid, eċċessi, nġurji gravi u aġir qarrieqi fejn fis-sena 2008 allegatament heddet lill-konvenut li tissepara jekk kemm-il darba ma jassenjalhiex nofs id-dar fejn kienu jgħixu.

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-liġi tagħna f'Artikolu 2 tal-Kap 16 tgħid kif ġej dwar l-obbligi tal-miżżewġin lejn xulxin:

*"(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*

*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.***"**

F'każ li xi parti tkun trid titlob is-separazzjoni mit-tali żwieġ il-liġi nostrana tgħid f'Artikolu 40 illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba* ***eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi*** *tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

Il-Qorti tosserva illi meta tiġi biex tkun ikkunsidrata l-ħtija l-Qrati tagħna dejjem irritenew li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux inċident iżolat iżda serje ta' inċidenti li joffendu lill-parti l-oħra b'mod li dik il-persuna jaffetwawha

negattivament u b'mod profond.  Kif tgħid il-Qorti fil-kawża **Jethro Bugejo *pro et noe* vs Josette Bugeja Micallef**[27]

*"Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni **l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri** ('Caterina H vs Benedict H' Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967) liema episodji 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha furur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom' (Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246)."*

Għaldaqstant jekk wieħed jikkunsidra l-ħtija ta' xi parti jew oħra din għandha tirriżulta minn atti konsistenti u li jirrepetu ruħhom b'mod illi dawn jirriżultaw f'abitudni illi ma tħallix dik is-serenità neċessarja biex iż-żwieġ jista' jirnexxi. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1942, fl-ismijiet **Maria Micallef vs Giuseppe Micallef**, il-Qorti tal-Appell fil-fatt insenjat illi: *"Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi".*

Jiġi rilevat iżda, li biex ikun hemm ħtija ma hemmx għalfejn jikkonkorru s-sevizzi, l-inġurji gravi, t-theddid u l-minaċċi kollha flimkien iżda huwa biżżejjed li jiġi ppruvat wieħed minnhom.  Fil-kawża fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson**[28] il-Qorti sostniet illi:

"*Issa kif inhu pacifiku "purche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondametne l riguardi della convivenza coniugale."*

---

[27] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Ġunju 2020 (Rik. Ġur. Nru 217/2014AL).
[28] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-12 ta' Mejju 1925.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[29] u **Antoinette Cauchi vs J Cauchi**,[30] fejn ġie ritenut illi, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala **sevizzi**"* Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela sive Lilly Montebello vs I Mary *sive* Jimmy Montebello[31]** intqal illi: "*Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, **stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali.** Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."*

Fir-rigward ta' **inġurji** u **offizi gravi** dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*.[32]

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deċiża fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti kienet qieset illi l-fatt illi ragel tal-attriċi kien iħalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi ħati ta' abbuż emozzjonali minħabba diversi offiżi u nsulti da parti tiegħu

[29] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, (Vol. XLV C.ii.708).
[30] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[31] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016.
[32] Ara Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud u Antoinette Cauchi vs J Cauchi ġia ċitati.

kontra martu, irrendieh ħati ta' sevizzi u inġurji gravi fil-konfront ta' martu u li għalhekk kellu jerfa' r-responsabbilità primarja għat-tifrik taż-żwieġ.

Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*. Jgħallem Baudry Lacantinerie illi "*Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima.*"[33]

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*[34] Iżda fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **N Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[35] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[36]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, … hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[37]

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern*</u>

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall-konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment. Konsegwentement, il-Qorti

[33] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[34] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-21 ta' Frar 1969.
[35] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[36] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[37] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

tqis li hemm lok għal pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Mill-assjem tal-atti jirriżulta nkontestat li l-partijiet iżżewwġu fl-4 ta' April 1999 u li minn dan iż-żwieġ kellhom tliet itfal, illum maġġorenni, u *ċioé* D li twieldet fl-24 ta' Diċembru 1999, E li twieled fid-29 ta' Marzu 2001 u F li twieldet fl-14 ta' Frar 2002. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali mill-bidu nett taż-żwieġ kif jixhdu ż-żewġ partijiet stess. L-attriċi tgħid li mill-bidu l-konvenut kien jixrob u s-sitwazzjoni baqgħet sejra dejjem għall-agħar anke meta wara ftit taż-żmien kellhom l-ewwel tarbija. Il-konvenut inniffsu fl-affidavit tiegħu jgħid li l-ħajja miżżewwġa ma tantx kienet waħda feliċi mill-bidu nett. Għalkemm minn naħa tiegħu fl-affidavit tiegħu jsemmi l-kontroll ta' martu u l-indħil tal-familjari bħala l-kaġun tal-problemi, fil-kontro-eżami[38] huwa jammetti li kellu l-problema tax-xorb u tal-logħob sa minn qabel iż-żwieġ.

L-attriċi tixhed fid-dettall dwar il-ħajja miżżewwġa miżera li kellha mal-konvenut, fejn hi u wliedha kellhom jissubixxu għal vjolenza kontinwa riżultat tal-aġir tal-konvenut, aġir riżultat tal-vizzju misħut tax-xorb u l-logħob. L-istorja ta' din il-familja tirriżulta li kienet waħda meskina fejn l-attriċi spiċċat trabbi weħedha familja sabiħa ta' tliet (3) itfal mingħajr is-sostenn ta' żewġha, li mhux talli ma kienx jgħinha, talli kien ifarrakha u jkissirha mentalment u emozzjonalment u jwerwer kemm lilha u kemm lit-tfal bl-aġir tiegħu. Ir-rakkonti tal-vjolenza huma vividi u l-Qorti hija konvinta li l-episodji li l-attriċi tixhed dwarhom verament esperjenzathom mid-dettall u l-mod kif tixhed dwarhom.

L-attriċi tixhed dwar diversi episodji fejn il-konvenut ħebb għaliha fiżikament, ħebb għaliha b'sikkina, turnavit, tefgħalha

[38] Fol. 944.

dixx mimli ikel u platt tal-ħġieġ, ħareġ għaliha u sawwatha b'bokkla taċ-ċintorin quddiem it-tfal, għax sempliċiment qaltlu jieħu l-ikel mill-forn beda jtiha fuq wiċċha u jheddidha b'sikkina, kien ser igarha dixx lit-tifla, heddidha kemm-il darba li ser joqtolha anke tul il-lejl, jgħajjat u jgara fliexken tal-ħġieġ lit-tfal, ikkaġuna ġrieħi fuqha u fuq it-tifel, darb'oħra waqqa' lit-tifel u dan kellu jagħmel il-punti, prova jqatta' proġett tal-iskola tat-tifla, taha daqqiet ta' ponn u oħrajn. Il-vjolenza fiżika kienet tkun akkumpanjatha minn għajjat, theddid anke b'ħajjet l-attriċi, tkissir fid-dar u ġlied, kollu quddiem ulied il-partijiet. L-attriċi tgħid kif anke sabet awrina ġod-dar fejn il-konvenut kien jidħol fis-sakra u jaqdi l-bżonnijiet tiegħu fejn ġie ġie.

F'dan kollu kemm-il darba kienu jkunu involuti l-pulizija, fil-fatt jiġu preżentati l-fedina penali tal-konvenut, flimkien ma' lista ta' sentenzi maqtugħin kontra tiegħu fejn instab ħati bejn l-2006 u l-2013 ta' theddid, vjolenza fiżika, ksur tal-bon ordni u imġieba li biha kkaġuna biża li ser tintuża vjolenza. Huwa weħel anke piena ta' priġunerija fuq dawn l-akkużi. L-attriċi fil-fatt tgħid illi hija kienet bdiet l-ewwel separazzjoni fl-2004. Madanakollu kif jixhed in-neputi tagħha Dr I J H, il-konvenut kien dejjem iwiegħdha li ser jinbidel u hi qisha qatt ma aċċettat il-fatt li dan ma kienx ser iseħħ. Fil-fatt għalkemm attenda diversi drabi programmi ta' riabilitazzjoni, kif jikkonferma Manuel Mangani mill-Aġenzija Sedqa, kien hemm nuqqas ta' konsistenza u "*kien hemm mumenti meta s-Sur B deher li qed jahdem genwinament pero sfortunatament kien ikun nar tat-tiben kien idum ftit gimghat…L-istess haga kien hemm mumenti fil-fehma tieghi l-kwistjoni tal-loghob kienet problema wkoll, l-istess haga kien hemm mumenti illi s-Sur B kien qed jipprova naturalment, pero meta tara l-istampa shiha ma kienx hemm sforz genwin fuq tul ta' zmien li seta' jgib ir-rizultati.*"[39] Fil-fatt huwa kien riferut ukoll għall-*men services*, servizz għall-irġiel bi problemi ta' vjolenza domestika u kellu *probation order*

---

[39] Fol. 61.

estiża għaliex ma żammx mal-programm li kienu fasslulu l-ħaddiema soċjali flimkien miegħu. Matul dan kollu l-attriċi tidher dejjem tistinka biex mhux biss iżżomm il-familja għaddejja bl-aħjar mod minkejja l-problemi kollha, iżda biex anke l-konvenut żewġha jegħleb dawn il-vizzji u fil-fatt oħtha tgħid "*Fil-familja taghhom hija dejjem kienet il-wahda li garret il-piz tal-familja. Huwa qatt ma jerfa' r-responsabbilita', hija kienet tkun dejjem hemm. Hija kienet tipprova tghinu jgheleb il-problemi tieghu. Kienet fil-fatt, tmur mieghu il-programmi biex tara li huwa jmur il-quddiem.*"[40]

Min-naħa tiegħu l-konvenut ma jirreferi xejn għall-allegati episodji ta' vjolenza fix-xhieda tiegħu, u lanqas ma jikkuntrarja l-affidavit tal-attriċi f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, fil-kontro-eżami huwa jalludi għall-fatt li martu kienet tipprovokah, għalkemm jammetti li kellu l-vizzji. Huwa jwaħħal fil-fatt illi martu kienet tikkontrolla kollox u li oħtha kienet ixxewwixha kontrih iżda dan jgħidu mingħajr provi ta' xejn u l-Qorti tħoss li l-verżjoni tiegħu hija verżjoni sempliċistika ta' dak li verament seħħ. Fil-fatt l-affidavit tiegħu huwa fil-maġġoranza tiegħu xhieda dwar l-assi u mhux dwar x'kien l-inkwiet fiż-żwieġ. Il-konvenut ma jidħolx fil-mertu tal-problemi tiegħu u sa fejn wasal jew ma wasalx sforz ta' dawn il-problemi jew jipprova jispjega l-fatti li ġraw min-naħa tiegħu.

Minbarra l-vjolenza fiżika, theddid, tgħajjir, għajjat u xenati, l-attriċi tixhed dwar il-fatt illi kienet trabbi lit-tfal weħedha u li anke kull darba wara li welldet kien ikollha tmur id-dar u tieħu ħsieb lit-tfal weħedha anke jekk kienet tkun għada qed tirkupra hi stess, għaliex il-konvenut jitlaq il-barra. Jidher li lanqas kien kapaċi iġib ruħu sew f'okkażjonijiet speċjali tat-tfal bħal preċett tat-tifel fejn l-attriċi tgħid li "*qam b'hangover u qatta quddiesa sħiħa rieqed, u qabel mat-tifel ħa l-Ewwel Twarbina huwa qabad u telaq 'il barra.*"[41] Fatt konfermat

[40] Fol. 26.
[41] Fol. 178.

anke minn Dr I H. L-attriċi minbarra li kellha tara kif ser tipproteġi lilha nniffisha fejn qatt ma setgħet tkun taf x'ser jagħmel il-konvenut fl-istat li kien jidħol id-dar fih, kellha tibqa' b'saħħitha biex tipproteġi lil uliedha u fl-istess hin tibqa' trabbihom mingħajr sostenn ta' ħadd.

Fil-fatt jirriżulta li l-attriċi u wliedha kienu jduru fuq oħt l-attriċi l-kbira u l-kuġin tat-tfal Dr H u kienu jsibu l-faraġ fil-familja tagħhom. Dawn il-familjari fil-fatt ma għinux lill-attriċi u wliedha biss emozzjonalment iżda wkoll finanzjarjament. Fil-fatt jiġu preżentati dikjarazzjonijiet ta' oħt l-attriċi u r-raġel tagħha, tan-neputi u ta' N O P dwar oġġetti u għajnuna finanzjarja li taw lill-attriċi għaliex problema oħra maġġuri fiż-żwieġ kienet li l-attriċi ma kinitx taħdem u l-konvenut ma kienx jagħtiha flus għall-ħajja. Tgħid fil-fatt l-attriċi li ġieli spiċċaw anke mingħajr l-ebda ikel fid-dar x'titma lil uliedha u l-konvenut spiċċa biex anke kien jirrifjuta li jixtri mediċini lil uliedu basta jkollu biex jixrob u jilgħab. Fil-fatt ma kinitx biss il-familja tagħha li tgħid li kellha anke bżonn għajnuna bażika ta' ikel, iżda tgħid ukoll Ms O P illi tatha anke ħwejjeġ għat-tfal u *grocery shopping*. Fil-fatt fix-xhieda tagħha tal-1 ta' Lulju 2022, l-attriċi tispjega illi wara sena u nofs li ffirmaw il-kuntratt dwar is-separazzjoni tal-beni hija fetħet it-tieni medjazzjoni għaliex fejn qabel ma kienx ikollha flus lanqas biex tixtri l-ħwejjeġ issa l-affarijiet tant kienu gravaw li lanqas kien qed ikollha biex tixtri l-ikel.

Il-konvenut fil-fatt jgħid li ħassu tradut illi f'Diċembru 2008, meta martu kienet f'Dar Merħba Bik huwa kien riedha lura b'kull mod u għalhekk mar jiffirma s-separazzjoni tal-beni. Huwa jgħid li ma jafx jaqra u ma kellux avukat dak iż-żmien u għalhekk ma kienx qed jifhem illi qed jgħaddilha nofs id-dar li kienet parafernali tiegħu u kien biss sentejn wara li sar jaf li kien fil-fatt iffirma biex dan iseħħ meta kien spjegalu avukat. Madanakollu fil-kontro eżami[42] mistoqsi jiftakarx li dak iż-

[42] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2023 a fol. 945.

żmien fil-fatt kellu avukat li kien Dr Busietta, huwa ma jiċħadx u jwieġeb illi

*"C B:- Imma dak iz-zmien meta kont ma' Dr Busietta kien qalli din ha tissepara jekk ma dakx il-post imma mbaghad qatghet, din giet gimgha d-dar u telqet biex tehodli nofs il-post*
*...*

*Dr. Rebecca Attard Muscat :- Meta kontu qed titkellmu fuq din il-karta, ara naqblux li inti fil-fatt kont ghedtilha li kont se ttiha nofs id-dar ghax hi harget il-flus fid-dar, fl-arja*

*C B: - Il-flus ridt intiha jien*

*Dr. Rebecca Attard Muscat :- Ara naqblux li A fil-fatt riedet kemm il-garaxx, naqblu fil-fatt li l-kontenut tal-karta kien gie spjegat lilek mill-avukat tieghek?*

*C B: - qalli ara se taghmel ghax din ha taghmillek hekk u hekk u jien peress li dak iz- zmien ridthom id-dar blajtha, qalli ma tafx se taghmel hu, imma jien tant ridthom id-dar li wara gimghatejn telqet l hemm"*

Jidher li fl-2008 l-attriċi kienet qalgħet biżżejjed u s-sitwazzjoni kienet iddeterjorat b'mod li kellha taċċetta li ż-żwieġ tal-partijiet tkisser. Hemmhekk hija bdiet proċeduri li fin-negozjar tagħhom jirriżulta li l-partijiet ftehmu illi jiffirmaw s-separazzjoni tal-beni, pass għaqli fiċ-ċirkostanzi fejn il-konvenut kien qed itajjar flusu fuq il-vizzji li kellu. Madanakollu jidher illi fin-negozjati l-partijiet ftehmu fuq id-dar matrimonjali u fil-kuntratt li jirregola s-separazzjoni tal-beni[43] il-konvenut jittrasferixxi nofs indiviż mid-dar fuq l-attriċi. Għalkemm huwa issa qed jgħid li dan iffirmah għaliex martu daħqet bih u ma kienx jaf x'qed jiffirma, huwa jammetti li fil-

[43] Kopja preżentata in atti a fol. 191.

fatt kellu avukat. Iktar minn hekk il-Qorti ma temminx li hawn l-attriċi daħqet bih u riedet biss li tieħu d-dar u titlaq kif jgħid il-konvenut u fil-fatt wara li l-partijiet iffirmaw dan il-kuntratt f'Diċembru 2008, l-attriċi reġgħet lura mal-konvenut għaliex huwa ammetta ma' Sedqa li kellu bżonn l-għajnuna u ffirma dokumentazzjoni biex hi tkun tista' tingħata informazzjoni dwar il-progress li jkun qed jagħmel, jiġifieri hawn reġgħet tatu iktar ċans u kien biss fl-2010 li reġgħet fetħet proċeduri ta' separazzjoni u marret tgħix ġo xelter. Għalkemm għall-konvenut donnu kollox kien idur mal-kwistjoni ta' flus, il-kawża vera tat-tkissir taż-żwieġ ħarġet ċara mill-provi li kien l-aġir tal-konvenut mill-bidu taż-żwieġ.

Il-Qorti hija konvinta li kien l-aġir vjolenti u spiss tal-konvenut li kisser il-familja u li għalkemm kellu lill-attriċi tagħtih ċansijiet għal snin sħaħ u anke tissuportjah billi takkumpanjah għal programmi ta' fejqan, huwa jidher illi baqa' jinżel iktar fil-qiegħ u l-vjolenza kemm fiżika, kemm emozzjonali u kif ukoll finanzjarja ġiet pruvata illi verament seħħet u li kienet fil-fatt il-kawża tat-tkissir ta' dan iż-żwieġ. Jidher illi għalkemm il-konvenut ried illi l-attriċi tibqa' d-dar u taqdi dmirijietha bħalha martu, anke għaliex joħroġ mill-affidavit ta' Dr I H illi huwa kellu ħafna insikurezzi li f'dan il-kuntest il-Qorti temmen li kien il-każ u ried lil martu tkompli tkun hemm għalih minkejja kollox, ir-rieda li jwaqqaf dawn il-vizzji kienet wisq dgħajfa u inkonsistenti. Apparti minn hekk il-Qorti tħoss illi l-obbligi maritali tiegħu ma naqasx biss minnhom fil-konfront ta' martu, iżda wkoll fil-konfront ta' wliedu illi tul iż-żwieġ jidher li ftit wera *commitment* lejhom.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta illi ż-żwieġ tkisser sforz l-aġir tal-konvenut li huwa ħati ta' vjolenza u swat, minaċċi, eċċessi sevizzi, inġurji gravi u moħqrija, u tiddikjara l-10 ta' Awwissu 2010 bħala d-data li fiha l-konvenut instab ħati tat-tifrik taż-żwieġ. Il-Qorti tirrileva li għalkemm l-aġir tal-konvenut kien ilu jseħħ għal snin twal, kif jirriżulta mill-provi, l-attriċi tidher li kienet taħfirlu kull darba, u għalhekk kien dan il-mument, *ċioé*

l-10 ta' Awwissu 2010 kif hawn fuq indikat, fejn hi ddeċidiet li ma jistax jingħata ċans ieħor, illi l-konvenut jista' jinstab ħati tal-firda.

### 3. L-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16:

L-attriċi titlob li jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' L-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16 *stante* li skont hi ż-żwieġ tkisser esklussivament minħabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut.

Il-Qorti tfakkar li l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Artikolu 48 tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

Fil-każ odjern, il-Qorti sabet lill-attur ħati tat-tkissir taż-żwieġ minħabba vjolenza u swat, minaċċi, eċċessi, sevizzi, inġurji gravi u moħqrija, minn naħa tiegħu u hija konvinta mill-provi li għandha quddiemha li l-azzjoni tal-attriċi hija ġustifikata u tħoss li għandha tapplika fil-konfront tiegħu l-effetti *in toto* tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16, fosthom li tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, il-konvenut iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

### 4. Manteniment għall-attriċi

In determinazzjoni tal-manteniment, dina l-Qorti dejjem għandha tgħarbel dak li huma l-mezzi tal-persuna mingħand min qed jintalab il-manteniment, kif ukoll il-bżonnijiet tal-persuna li qed titlob il-manteniment. Il-manteniment mhuwiex dritt sagrosant ta' min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu meta jirriżulta l-bżonn u dan skont Artikolu 20 (1) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jgħid hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunxaxxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust."*

Permezz tad-digriet tat-18 ta' Awwissu 2015[44] il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas is-somma ta' ħamsa u disgħin Ewro (€95) kull erba' (4) ġimgħat għaliha *pendente lite.* Jirriżulta li l-attriċi waqfet taħdem biex trabbi lit-tfal bejn is-sena 1999 sal-2014.[45] Fl-2015 hija bdiet taħdem *part-time* sakemm fl-2017 hija qalbet *full-time*. Hija tiddikjara li toqgħod f'fond Ħal Luqa li tikri mill-Lands Department għal mitejn u ħamsin Ewro (€250) fis-sena.[46] Hija ma tipperċepixxix benefiċċji soċjali u l-benefiċċji li rċeviet bejn l-2012 u l-2015, kellha troddhom lura għaliex irriżulta illi l-kapital f'isimha eċċeda t-*threshold* biex hija tkun tista' tieħu dawn il-flus.[47] Tgħid li minħabba ż-żmien li għamlet ma taħdimx, din ser taffetwa l-ammont ta' pensjoni li ser tkun tista' tipperċepixxi.

Il-Qorti madanakollu tqis illi l-attriċi issa ilha taħdem fuq bażi *full-time*, it-tfal issa kibru u għalhekk ma għandiex xkiel biex taħdem minħabba dipendenza fuqha u anke l-fatt illi għandha mezzi biex tmanti lilha nfisha wara li jirriżulta li għandha assi provenjenti minn wirt u anke ħadet sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Ġjaladarba l-attriċi tesprimi preokkupazzjoni dwar jekk hux ser tipperċepixxi pensjoni jew le, l-Qorti tgħid

---

[44] Kopja a fol. 739.

[45] Kif konfermat mir-rappreżentant tal-ETC fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2016 a fol. 324.

[46] Xhieda fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2016 a fol. 329.

[47] Xhieda tar-rappreżentant tas-Sigurta Soċjali waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2016 a fol. 366 u fis-seduta tas-27 ta' Frar 2017 a fol. 413.

illi meta tasal f'dak il-punt tal-ħajja, hemm rimedji li hija tista' tippersegwi.

Għaldaqstant tenut kont dak hawn fuq premess, il-Qorti tordna wkoll illi ma jitħallas l-ebda manteniment għall-attriċi mid-data li tingħata din is-sentenza l-quddiem, għalhekk b'revoka *contrario imperio* tad-digriet tagħha tat-18 ta' Awwissu 2015.

5. **Kura u kustodja, aċċess u manteniment għal ulied il-partijiet**

Ulied il-partijiet illum huma kollha maġġorenni u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet li għandhom x'jaqsmu mal-kura u kustodja u aċċess tagħhom.

Huwa inkontestat li l-konvenut baqa' jħallas manteniment skond id-digriet tat-18 ta' Awwissu 2015, fejn il-Qorti kienet ordnatlu jħallas l-ammont ta' ħames mija u tlieta u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€553.85) kull erba' (4) ġimgħat għat-tlett itfal u ħamsa u disgħin Ewro (€95) kull erba' ġimgħat għaliha. Minn dak iż-żmien it-tfal għalqu t-tmintax-il (18) sena; filwaqt li D għalqet it-tlieta u għoxrin (23) sena fl-24 ta' Diċembru 2023, u għalhekk ma baqax manteniment x'jitħallas favur tagħha, E għalaq it-tlieta u għoxrin (23) sena fid-29 ta' Marzu 2024 u F għalqet it-tlieta u għoxrin (23) sena fl-14 ta' Frar 2025, u għalhekk l-obbligu tal-manteniment intemm.

L-attriċi tirreleva iżda illi meta anke t-tieni wild, E għalaq it-tlieta u għoxrin (23) sena hija bdiet tirċievi s-somma ta' mitejn u wieħed u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€231.50) kull erba' (4) ġimgħat bħala somma komplessiva ta' manteniment għaliha u għal F minflok is-somma ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) kif dovut skont id-digriet tat-18 ta' Awwissu 2015. Dwar dawn l-arretrati iżda l-attriċi ma ġġibx l-ebda prova u bir-rispett kollu, jekk tassew kien hemm xi nuqqas ta' ħlas ta'

manteniment, l-attriċi kellha rimedji legali li setgħet tikkonsegwi.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi terġa' tipproponi dak li effettivament ipproponiet fir-risposta tal-11 ta' Novembru 2022 għar-rikors tal-konvenut biex jitnaqqas il-manteniment,[48] u *ċioé* illi tingħata arretrati tal-għoli tal-ħajja għaliex il-manteniment baqa' inalterat mid-digriet tat-18 ta' Awwissu 2015. Il-Qorti tosserva, madanakollu, li waqt il-mori tal-kawża l-attrċi ma ressqet ebda talba għall-aġġornament tal-manteniment skond l-ogħli tal-ħajja. Huwa minnu li fir-raba' talba, l-attriċi titlob ordni biex il-konvenut iħallas manteniment b'dan li jittieħed in konsiderazzjoni l-għoli tal-ħajja. Madanakollu, il-Qorti tista' tiddeċiedi biss it-talbiet kif promossi fl-att promotur, u fl-assenza ta' talba *pendente lite*, issa f'dan l-istadju ma tistax tagħmel tajjeb għal nuqqasijiet ta' l-attriċi stess fis-Sentenza, meta s-Sentenza hija intiża bħala deċiżjoni tal-vertenza kif promossa oriġinarjament.

### 6. Assenjazzjoni tal-Beni

Il-Qorti issa ser tiddetermina il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa', l-għaxar, il-ħdax u t-tnax-il talba.

Il-Qorti tosserva illi a fol. 191 tal-proċess jinsab kuntratt tas-separazzjoni tal-beni ta' bejn il-partijiet li jġib id-data tas-16 ta' Diċembru 2008. Jiġi osservat illi permezz ta' dan il-kuntratt:

a. Il-komunjoni tal-akkwisti ġiet effettivament terminata;

b. Il-partijiet irriakwistaw id-dritt li jaġixxu individwalment u separatament fejn jidħlu l-assi li jappartjenu lilhom;

---

[48] Fol. 909.

ċ. Ċertu beni saru komproprjetarji tagħhom;

d. Il-Partijiet iddikjaraw li ħadu u għandhom fil-pussess tagħhom il-ġid u krediti parafernali tagħhom u ddikjaraw ulterjorment li ma kien fadlilhom ebda pretensjoni kontra xulxin fir-rigward;

Il-konvenut jgħid tul dawn il-proċeduri illi huwa ma jafx jaqra u ma kienx jaf x'qed jiffirma għalih meta ffirma dan il-kuntratt. Madanakollu, il-Qorti tosserva li l-konvenut ma ġab ebda prova li huwa pprova jattakka l-validità ta' l-istess kuntratt, b'suċċess, u kwindi l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mill-validità legali ta' l-istess kuntratt.

Il-ħames u s-sitt talbiet huma pretensjonijiet dwar donazzjonijiet, oġġetti parafernali tal-attriċi jew rikavat mill-bejgħ ta' oġġetti parafernali tagħha fiż-żwieġ. Il-Qorti tosserva illi fit-tieni klawżola l-attriċi akkwistat nofs id-dar matrimonjali li altrimenti kienet parafernali tal-konvenut a saldu tal-krediti li l-konvenut kien aċċetta li kellha l-attriċi.

Fid-disa' klawżola l-partijiet jiftehmu u jiddikjaraw mhux biss illi ħadu l-pussess effettiv ta' "*il-ġid u krediti parafernali tagħhom*" iżda wkoll li ma fadlilhomx pretensjonijiet kontra xulxin għal dak il-ġid jew kreditu li seta' kien parafernali tagħhom. Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad il-ħames u s-sitt talbiet.

Is-seba' talba hija pretensjoni għal-likwidazzjoni tal-assi li baqgħu in komuni bejn il-partijiet wara li sar il-kuntratt għas-separazzjoni tal-beni.

Il-Qorti tosserva illi l-kunċett tar-reġim tas-separazzjoni tal-beni jeżisti propju sabiex jirrimpjazza s-sens ta' komunità u proprjetà komuni bejn il-miżżewwġin. Meta l-miżżewwgin jagħżlu li jieħdu t-triq tas-separazzjoni tal-beni, dan ifisser illi jistgħu jagħmlu l-atti kollha tal-ħajja indipendentement, u

mingħajr il-kunsens ta' xulxin bi tneħħija totali ta' solidarjetà u għalhekk kull parti fil-koppja isir il-padrun assolut ta' dak li huwa jakkwista.

Jekk bħal ma ġara f'dan il-każ, il-miżżewwġin jagħżlu huma stess li jżommu proprjetà komuni bejniethom, *nonostante* li l-iskop tal-konverżjoni mill-komunjoni tal-akkwisti għas-separazzjoni tal-beni fih inniffsu jinkorpora l-idea u l-kunċett li l-koppja jaqsmu effettivament dak li għandhom bejniethom, allura minn meta r-reġim tas-separazzjoni tal-beni tibda tieħu effett il-miżżewwġin jitqiesu bħala komporprjetarji f'għajn il-liġi daqs li kieku l-komproprjetarji ma jkunux miżżewwġin iżda żewġ individwi kwalunkwe.

Huwa proprju għalhekk illi ma hix il-mansjoni ta' din il-Qorti li tiddetermina kwistjonijiet li huma effettivament ta' natura ċivili u li jeżorbitaw il-kompetenza ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Familja. Jekk il-partijiet jixtiequ joħorġu mill-istat ta' komproprjetà li għażlu huma stess, ir-rimedju legali huwa ieħor.

Tajjeb li jiġi rilevat kif, per eżempju, l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqa' taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti, jitkellem dwar it-tmiem tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew il-CORSA. Kif tikkontempla l-Liġi, meta jiġi applikat l-Artikolu 55, mingħajr preġudizzju għall-qsim effettiv tal-kontenut tal-komunjoni jew il-CORSA, jintemmu dawk ir-regimes, u fl-assenza tagħhom, għalhekk jirrenja r-regime tas-separazzjoni tal-beni. Dak akkwistat mill-miżżewgin mid-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni jew il-CORSA ikun proprjetà esklussiva ta' dik il-parti li takkwistaha, u l-Qorti m'għandha ebda jedd tiddisponi ġudizzjarjament dwar dak li l-koppja tkun akkwistat, anke jekk tali koppja, għal raġuni jew oħra, ikunu akkwistaw dik il-haġa bejniethom.

Għaldaqstant, il-Qorti se tiċħad is-seba' talba.

Il-Qorti se tiċħad it-tmien u d-disa' talbiet ukoll, tenut kont dak deċiż fit-talbiet preċedenti.

Il-Qorti se tastjeni milli tiddeċiedi l-għaxar u ħdax-il talba *stante* li l-istat ta' komproprjetà tad-dar ifisser illi l-partijiet huma diġà responsabbli b'mod ugwali għal kwalunkwe pendenza li jista' jkun hemm, u f'każ li huma għandhom pretensjonijiet dwar xi kontijiet li parti tiġi mġiegħla tħallas fuq dak li effettivament hija proprjetà komuni, allura, kif diġà intqal, ir-rimedju huwa ieħor li din il-Qorti ma hiex kompetenti li tagħti llum.

Il-Qorti issa se tiddetermina it-tnax-il talba, li permezz tagħha l-attriċi tippretendi li hi u wliedha jirrisjedu fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut, u dan sakemm tinbiegħ id-dar matrimonjali.

Qabel xejn, huwa opportun li l-Qorti tiddikjara li bis-separazzjoni personali odjerna, il-fond bl-indirizz *XXX*, ma hiex se tibqa' titqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

It-talba tidher li hija ċentrata madwar min għandu jirrisjedi fil-fond li preċedentement kien jitqies bħala d-dar matrimonjali sakemm dan jinbiegħ. Il-Qorti diġà tenniet li hija ma tista' tagħti ebda ordni dwar dak li llum jifforma parti mill-komproprjetà bejn il-partijiet, u dan jinkludi dan il-fond. Jekk l-attriċi tibqa' tal-fehma li trid li dan il-fond jinbiegħ, ir-rimedji legali a dispożizzjoni tagħha huma oħrajn.

Issa l-Qorti tara li din il-kawża ilha għaddejja mis-sena 2012. Jirriżulta li l-attriċi telqet minn dan il-fond fis-sena 2013. Fil-mori tal-kawża, l-attriċi ma ressqet ebda talba biex tgħix f'dan il-fond ad esklużjoni tal-konvenut. Dan ifisser għall-Qorti li, *nonostante* t-talba speċifika li saret, l-attriċi ma ħassithiex skomda tgħix fejn ilha tgħix sal-lum. Il-Qorti ma hiex propensa, f'dan l-istadju, li tirribalta kif qegħdin jgħixu l-partijiet u, anke in vista tal-fatt li l-attriċi għandha rimedji

legali x'tista' tikkonsegwi, ma tarax għalfejn għandha tpoġġi lill-konvenut f'sitwazzjoni fejn f'daqqa waħda ma jibqalux fejn jgħix, dejjem sakemm il-partijiet jiftehmu, jew jiksbu soluzzjoni ġudizzjarja dwar il-komproprjetà ta' bejniethom.

**DEĊIDE:**

**Ikkunsidrat dak kollu hawn fuq premess, il-Qorti filwaqt li tiddisponi mit-talbiet ta' l-attriċi u mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut, taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:**

1. Tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi ħtija attribwibbli lill-konvenut minħabba vjolenza, minaċċi, sevizzi, inġurji gravi, eċċessi u moħqrija, u tiddikjara l-10 ta' Awwissu 2010 bħala d-data li fiha l-konvenut instab ħati tat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni mit-tielet talba *stante* li t-tfal huma issa maġġorenni;

4. Tiċħad ir-raba' talba in kwantu għall-manteniment tal-attriċi u tiddeċiedi dwar il-manteniment għall-ulied skont dak deċiż fil-provvedimenti tal-ħames taqsima u *ċioé* dik intitolata "***Kura u kustodja, aċċess u manteniment għal ulied il-partijiet";***

5. Tiddeċiedi dwar il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' l-għaxar, il-ħdax u t-tnax-il talba skont dak deċiż fil-provvedimenti tas-sitt taqsima u *ċioé* dik intitolata *"**Assenjazzjoni tal-Beni**";*

8. Tilqa’ t-tlettax-il talba u tapplika kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16 *in toto.*

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut in vista tal-fatt li għandu jerfa’ hu t-tort tat-tifrik taż-żwieġ.